FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA ll.D.,Mag.Jur Eur (EU law)

Illum 9 ta' Awwissu 2017

Il-Pulizija
(Spett Louise Calleja)

vs

Carmel Sebastian Fenech

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 301960m akkuzat talli gewwa r-Rabat u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, f'Ottubru 2012 u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jikksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur, fuq il-persuna ta' Joanne Rizzo liema persuna ma setghetx tirresisti minhabba marda tal-gisem jew mohh jew ghal raguni ohra indipendenti mill-ghemil tal-hati, inkella minhabba l-mezzi qarrieqa li jkun inqeda bihom;
2. bla ordni skond il-ligi awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija Joanne Rizzo kontra l-volonta' taghha u dan bhala mezz biex l-imsemmija persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;
3. offenda l-pudur jew l-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku;

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet kontra l-imputat jippotizzaw:

- l-attentat vjolenti ghall-pudur, bil-kwalifika tal-vjolenza prezunta fejn "il-persuna li fuqha jsir l-abbuz ma tkunx tista' tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh jew ghal raguni ohra indipendenti mill-ghemil tal-hati, inkella minhabba l-mezzi qarrieqa li l-hati jkun inqeda bihom;
- l-arrest, detenzjoni jew sekwestru ta' persuna kontra l-volonta' taghha bl-aggravju li jkun sar bhala mezz biex persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess ta' dik il-persuna;

- l- ghemil kontra l-pudur jew morali maghmula fil-pubbliku;

Dwar il-fatti: jittratta kaz ta’ zewg persuni ta’ sess oppost, l-imputat tal-Ordni Dumnikana, it-tnejn tal-eta’, li fih il-kwerelanta tallega abbuz sesswali li kienet assoggettata ghalih da parti tal-imputat. Fil-kors tax-xhieda taghha spiegat li l-ewwel rapport lill-Pulizija ghamlitu fit-28 ta’ Awissu 2011 u allegat kif l-imputat inqeda bil-vulnerabbilta’ taghha u gaghla taghmillu sess orali. Spiegat li dak iz-zmien kienet tahdem id-Dar Tal-Providenza bhala Ability Promoter izda minhabba li kienet qeghda f’separazzjoni minn mar-ragel u ma kellix familja li setghet issib il-farag fiha kienet waqet f’depressjoni qawwija u anka pruvat tnehhi hajjitha b’idejha tant li spiccat fis-sezzjoni psikjattrika tal-isptar u eventwalment “Monte Carmeli”. Ziedet tghid, li kienet assocjata ma’ organizzazjoni filantropika, maghrufa, bhala “Kerygma”, li taghha l-imputat kien id-direttur u hawnhekk qalb dan it-taqlib kollu f’hajjieta sabet il-konfort tal-imputat. Uzat f’dan il-kuntest il-kelma ‘caring’. Ghaddiet isemmi istanzi ta’ meta giet kongedada mill-isptar u ghamlet festin id-dar taghha li fih stiednet ftit hbieb tal-qalb fosthom l-imputat. Hawnhekk asseriet li fil-kors tal-festin l-imputat staqsiha biex ikellima wahedha u kif warrbu ried itieha ‘french kiss’ li hi irrifjutat. Semmiet l-episodju ta’ meta l-imputat kien cemplilla. Insertat kienet Ghawdex, irritornat Malta li kienu l-ghaxra ta’ filghaxija, u l-imputat insista li jmorru l-Buskett fejn f’xi hin baxxiela rasha biex taghmillu sess orali; tghid li kienet iddejqet ghaliex dawn l-affarjiet lanqas mar-ragel taghha ma kienet taghmilhom u kienet l-ewwel darba. Kompliet tghid dwar l-episodju li segwa quddiem ir-‘Response Team’ tal-Kurja li kienu fethu investigazzjoni wara li kienu irrapurtaw il-kaz hbieba li kienet fethet qalba maghhom u tghid li hemmhekk kient xhedet il-falz. Fir-rigward l-attivita’ sesswali l-kwerelanta tistqarr li kienet ristretta ghal sess orali f’okkazjonijiet frekwenti anke fil-kunvent fejn kien jirrisjedi l-imputat jew f’darha. Stqarret li minn naha tieghu l-attivita’ sesswali kienet ristretta billi imissa fil-parti intimi taghha.

Ikkonsidrat:

L-impressjoni li thalli x-xhieda tal-kwerelanta hi li r-relazzjoni taghha mal-imputat, kemm mill-lat emozzjonali u kemm mill-lat sentimentali, kienet wahda ambivalenti, filli televah u filli tistmerru. M’hemmx dubbju li f’xi zmien l-imputat kien assuma figura paterna ghaliha tant li a folio 25, per ezempju, tghid li il-‘caring’ ta’ l-imputat ma’ kienet isibha fl-ebda persuna “lanqas ma Stephen ma kont sibtha”, dan Stephen, li kienet il-persuna li ghamlet zmien tiffrekwenta. Fattur iehor li jhalli certa perplessita’, almenu f’mohh din il-Qorti, hi li kienet tafda f’certu hbieb, fosthom li xehdu fil-kawza, li ghamlu certu allegazzjonijiet fuq l-imputat fuq liema l-Qorti mhux ser tissofferma u lanqas tikkummenta. Dak li invece jemergi bhala fatt hu li nibtet familjarita’, forsi zejda u certament inopportuna, bejn il-kwerelanta u l-imputat. Huwa ovvju li dina fiz-zmien inkrinat, izda reghet ri-attivat ruhha ghal xi zmien wara, sakemm spiccat ghal kollox f’Ottubbru tat-2012.

Hawnhekk u f’dan l-istadju l-Qorti jidrilha, li apparti accenn qasir ghax-xhieda tal-psikjatra, Dr David Cassar, m’ghandiex ghalfejn tidhol f’aktar dettall, anka ghaliex il hafna li ntqal matul il-proceduri ma tqisuhx rilevanti ghad-determinazzjoni ta’ dan l-kaz. Tfakkar, pero’, fuq il-bosta xnighat li kienu jsiru fuq l-imputat kemm mal-Provincja Dumnikana tar-Rabat, fejn kien jirrisjedi, u kemm mad-direttur ta’ Radju Malta, ma min kien jahdem, skond ma xehdu huma stess, u li dwarhom l-imputat dejjem inneghom kull meta gie rinfaccjat bihom.

Rigward ix-xhieda tat-tabib pskjatra, it-tabib David Cassar, hu xehed qua t-tabib psikjatra tal-kwerelanta. Xehed wara l-appositu kunsens taghha u stqarr li huwa kien u ghadu t-tabib psikjatra taghha u ilu f’din il-kapacita’ ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena. Ix-xhieda tieghu hi importanti f’dan is-sens stante l-implikazzjonijiet fiha. Fil-fehma tal-Qorti huwa appena sufficjenti li jinghad li tkun taht il-kura psikjatrika ghal zmien daqshekk twil tfisser li tbati b’xi marda tal-mohh. Jekk tfissirx ukoll li minhabba f’hekk ma tkunx tista’ tirresisti ghall-attentat ghal pudur kontra l-persuna tieghek hi kwistjoni ohra li l-prosekuzzjoni ma indenjac jew ma hasbitx li ghandha isaqsi lit-tabib. Tabilhaqq dan qed jinghad fuq l-iskorta ta’ dak li tghid il-ligi

dwar l-attentat ghall-pudur li huwa presunt vjolenti meta jsir fuq persuna li hija affetta b'marda tal-mohh u soggetta ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tlett xhur sa sena. U tabilhaqq ukoll li l-imputat ma setghax ma jkunx jaf li l-kwerelanta mhux biss kienet persuna vulnerabbli li tbati minn ansjeta' u depressjoni, sintomi li mhux necessarjament jissarfu f'mard tal-mohh, li kien jaf ben tajjeb. li l-kwerelanta kienet f' aktar minn okkazjoni wahda rikoverata l-isptar psikjatriku u adirittura 'Monte Carmeli' per se sintomu ta' mard mentali.

Ikkonsidrat:

Li fir-rigward t-tieni akkuza tal-arrest, detenzjoni jew sekwestru m'hemm xejn fil-provi li imqarr jindika li dan kien il-kaz.

Li fir-rigward l-ahhar akkuza li tixlih li offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li jsir f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku huwa palesi mix-xhieda stess tal-imputat, li per volonta' tieghu ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda, li fl-okkazjoni ta' dak li gara l-Buskett huwa ghandu jinstab hati ta' din l-akkuza. Fuq liema il-piena hi dik ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tlett xhur u l-multa.

Ghaldaqstant, tiddecidi:

- li tilliberah mit-tieni stante li ma tirrizultax;
- li tilliberah mit-tielet stante d-decitura tal-Artikolu 209;
- li issibu hati tal-ewwel.

Rat l-Artikolu 201(b)) tal-Kap 9. Tikkundannah tlett xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tordna li jibqaw sospizi ghal sena mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu fit-termini tas-sentenza.

A.M.Trigona
Magistrat